# Il-Ministru tal-Edukazzjoni jżur ir-Riserva Naturali tas-Simar

## Jesperjenza mill-qrib il-ħidma ta' BirdLife Malta biex tqarreb lit-tfal lejn in-natura permezz taż-żjarat tal-iskejjel fir-riservi tagħha

Il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo żar ir-Riserva Naturali tas-Simar immexxija minn BirdLife Malta fejn flimkien ma' grupp entużjast ta' tfal mill-Year 3 tal-Iskola Primarja ta' Ħal Għargħur (Kulleġġ Maria Reġina), esperjenza mill-qrib il-ħidma li twettaq l-NGO biex tqarreb lit-tfal lejn in-natura.

Il-Ministru ntlaqa' fir-riserva mill-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima, l-Education Manager Sarah Brady, ir-Reserves Manager Mark Gauci u s-Simar Nature Reserve Warden Charles Coleiro qabel ma ttieħed fuq dawra mar-riserva sal-*hide* tal-*birdwatching* fejn il-grupp qatta' ftit ħin josserva l-għasafar mal-*field teacher* ta' BirdLife Malta Desiree Falzon.

Tul is-sena skolastika, ir-riservi ta' BirdLife Malta jilqgħu ta' kuljum klassijiet ta' tfal ta' etajiet differenti minn skejjel tal-istat u privati. It-tfal jingħataw informazzjoni dwar l-ambjent naturali Malti u l-għasafar li jkun hawn f'pajjiżna kif ukoll dwar il-ħabitati differenti. Tul dawn iż-żjarat it-tfal jingħataw ukoll l-ewwel opportunità biex jagħmlu *birdwatching* fir-riserva.

Il-Ministru faħħar il-ħidma ta' BirdLife Malta, b'mod partikolari fl-iskejjel u mat-tfal fir-riservi tagħha. Hu sostna li l-*feedback* li jirċievi b'mod kostanti mill-istudenti u l-għalliema tagħhom jikkonferma li t-tagħlim fuq barra hu ta' benefiċċju għat-tfal u l-iżvilupp tagħhom, u l-fatt li jkunu eqreb tan-natura jipprovdilhom esperjenza aktar b'saħħitha ta' tagħlim waqt li jinstigahom jieħdu azzjoni favur il-ħarsien tan-natura biex ikollna ambjent aktar b'saħħtu.

Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima enfasizza l-importanza li s-Simar jibqa' jiġi mħares bħala post fejn wieħed igawdi n-natura u bħala santwarju protett tal-għasafar li jifforma parti minn sit Natura 2000, imma wkoll bħala destinazzjoni fejn BirdLife Malta tkun tista' tipprovdi t-tagħlim lit-tfal f'ambjent naturali bis-saħħa taż-żjarat regolari li jsiru mill-iskejjel. Hu spjega lill-Ministru Bartolo li dan kollu jista' jiġi pperikolat bi żvilupp bħal dak li għadu kif ġie approvat dan l-aħħar biswit ir-riserva, li se jikkaġuna aktar tfixkil lil dawn l-inħawi sensittivi.



L-Awtorità tal-Ippjanar ġiet taqa' u tqum mill-ħabitat naturali ta' Malta meta ftit ġimgħat ilu approvat il-bini ta' blokk ta' appartamenti għoli sitt sulari li jħares fuq ir-riserva minkejja li suppost li l-*policy* għal din iz-zona tillimita l-għoli tal-bini li jista' jitla' fl-inħawi għal massimu ta' erba' sulari biss. L-argumenti ta' BirdLife Malta ġew megħluba fuq il-bażi li l-perit tal-proġett qed jippjana li jdaħħal sitt sulari f'għoli ta' 22 metru li huwa l-qies *standard* ta' erba' sulari.

Dan se jġib miegħu żieda fin-numru ta' residenti f'dawn l-inħawi li ġġib magħha wkoll żieda fit-traffiku u fit-tniġġis mill-ħsejjes u mid-dawl. Dan l-iżvilupp se jkun ta' detriment għall-ambjent naturali ta' dan is-sit u anke għat-tgawdija tar-riserva minn eluf ta' studenti żgħar li jżuru s-Simar kuljum tul is-sena skolastika. Impatt ieħor negattiv se jkun fuq il-ħabitat – li bis-saħħa tax-xogħol li sar minn BirdLife Malta fl-1992 biex iz-zona tiġi trasformata f'riserva – illum jipprovdi ħabitat rari għall-Gżejjer Maltin li wassal biex diversi għasafar ibejtu b'mod esklussiv fis-Simar. Huwa wkoll ta' diżappunt li sa ma ttieħdet din id-deċiżjoni, l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) baqgħet siekta u ma ħadet l-ebda pożizzjoni.

Fi tmiem iż-żjara l-Ministru Bartolo kien ippreżentat bl-aħħar żewġ pubblikazzjonijiet ta' BirdLife Malta marbutin mal-edukazzjoni ambjentali – il-ktieb tat-tfal kollu ritratti *Għasafar Madwarna* u l-pubblikazzjoni dwar is-siti Natura 2000 f'Malta *Post għan-Natura*. Dan tal-aħħar qed jitqassam b'xejn lill-għalliema kollha tal-ġeografija f'Malta u qed tiġi studjata l-possibbiltà li jintuża bħala *textbook* għall-ġeografija, l-istudji ambjentali, ix-xjenza u l-Malti fil-klassijiet tal-iskejjel madwar Malta u Għawdex. Il-pubblikazzjoni hija wkoll għodda utli ferm għall-istudenti tas-sekondarja u għall-għalliema li qed jipparteċipaw fil-programm edukattiv Dinja Waħda ta' BirdLife Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/1fZzyPft0k

- Għażla ta' ritratti miż-żjara li għamel il-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo dalgħodu fir-Riserva Naturali tas-Simar (Ritratti ta' Nathaniel Attard)

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://youtu.be/oYYerJr8wGc

- Filmati taż-żjara tal-Ministru Evarist Bartolo fis-Simar dalgħodu (Filmati u muntaġġ ta' Nathaniel Attard)

